MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2003

Appell Kriminali Numru. 94/2003

Il-Pulizija
(Spettur Marisa Camilleri)
Vs

Adrian Previ

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :

1) Fis-7 ta’ Frar, 2003 ghall-habta tal-17.03 fi Triq ix-Xatt ta’ l-Imsida, Msida, waqt li kien qed isuq il-vettura ABG 109, qasam il-linja/i bojod kontinwi;
2) Naqas li jipproduci lill-Pulizija l-licenzja tas-sewqan skond il-ligi;
3) Waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jaghmel sinjal meta kien sejjer jibdel id-direzzjoni tieghu jew jaqbez vetturi ohra;

4) Talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Mejju, 2003, li biha dik il-Qorti lliberat lill-imputat mill-osservanza tal-gudizzju (Sic!).

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pprezentat fil-21 ta' Mejju, 2003, fejn talab li din il-Qorti joghogobha tirrevoka l-istess sentenza, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-ligi ;

Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-ligi ghax l-artikolu 360(A) tal-Kodici Kriminali mkien ma jobbliga lill-prosekuzzjoni li trid tavza lill-akkuzat bid-dritt tieghu li jirrizerva l-kontro-ezami w li, f' kull kaz, l-Ewwel Qorti fl-artikolu citat kellha l-fakolta' li tiddiferixxi l-kaz ghas-smiegh tal-istess xhud u ghalhekk l-artikolu citat gie interpretat u applikat b'mod zbaljat ;

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni fil-kors tas-seduta tal-lum ;

Ikkonsidrat ;

Illi qabel xejn din il-Qorti trid tosserva li fis-sentenza appellata l-appellat ma giex misjub mhux hati u liberat , izda ntuzat id-dicitura "tillibera lill-imputat mill-osservanza tal-gudizzju" . Illi hu ovvju li l-Ewwel Qorti uzat forma ritwalistika w dicitura li nsibuha fil-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta) u li applikabbli biss ghall-proceduri quddiem il-Qrati ta' kompetenza civili. Hekk tali dicitura nsibuha fl-artikoli 199 (2) u 200 tal-Kap.12 f'cirkostanzi partikolari bhal meta jidher BISS il-KONVENUT jew l-AVUKAT jew IL-PROKURATUR LEGALI TIEGHU (emfasi ta' din il-Qotri) quddiem il-Qrati Civili jew meta ma tkunx inghat garanzija ghall-ispejjez tal-kawza u ssir talba ghal hekk mill-KONVENUT (emfasi tal-Qorti) . Din il-procedura fil-kaz ta' liberazzjoni mill-osservanza ghax ikun deher il-konvenut

jew l-avukat jew il-prokuratur legali tieghu biss , umbaghad taghti dritt lill-attur li jitlob b'rikors prezentat fi zmien ghaxart ijiem ,li l-kawza terga titqieghed fuq il-lista skond l-artikolu 199 (3) tal-Kap.12 - procedura din li hija ghal kollox aljena w estraneja ghal dik applikabbli fil-proceduri kriminali

Illi ma jirrizulta minn imkien li dawn id-dispozizzjonijiet tal-Kap.12 huma rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali bhal kif huma rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali dawk l-artikoli tal-Kap.12 elenkati fl-artikolu 645 tal-Kodici Kriminali li jirrigwardaw materja ta' xiehda w provi , per ezempju .

Illi jekk l-Ewwel Qorti hasset li quddiema ma ngabux provi jew provi biex jissostanzjaw il-htija - u fuq dan din il-Qorti mhux qed tippronunzja ruha f' dan l-istadju – jmissha ddikjrat lill-appellat mhux hati w lliberat fuq nuqqas ta' provi w mhux illiberat "mill-osservanza tal-gudizzju" kif ghamlet meta din il-frazi ghandha konnotazzjoni preciza w effetti proceduráli applikabbli biss fil-proceduri civili.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-uzu ta' dawn il-kliem jirrendi lis-sentenza appellata nulla.

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tiddikjara is-sentenza appellata nulla u ghal dan il-motiv biss f'dan l-istadju w biex ma jcahhadx lill-appellant u l-appellat Adrian Previ mill-beneficcju tad-"doppio esame" qed tibghat l-atti tal-kawza lura lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jerga' jinstema w jigi deciz mill-gdid skond il-ligi u ghal kull buon fini din il-Qorti trid tissenjala lill-Ewwel Qorti id-dispozizzjoni kontenuta fit-tieni proviso tal-artikolu 360 (A) tal-Kodici Kriminali .

--------------------------------TMIEM--------------------------------